MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1031/2009

**Master Distributors Limited**

**Vs**

**S.H. Catering Services Limited u Zia Ul Noor u martu Aliya Noor**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hdax-il elf sebgha mija u erbgha u sebghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€11,774.54) ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija, liema ammont intalab solidalment minghand il-konvenuti.

Fis-seduta tal-lum xehed Joseph Ellul, Fincancial Controller tas-socjeta attrici. Minn dik ix-xhieda jirrizulta li llum l-ammont dovut hu ta’ sebat elef mija u tmienja u ghoxrin ewro (€7,128) peress li saru pagamenti akkont fil-

mori tal-proceduri. L-ahhar pagament li sar kien fix-xahar ta’ Ottubru 2011.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti huma kontumaci.

Wara li l-qorti rat l-atti nkluz id-dokumenti annessi mar-rikors guramentat u semghet lil Joseph Ellul hi sodisfatta li t-talbiet tal-attrici huma gustifikati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici fis-sens li:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment debituri tal-attrici fis-somma ta’ sebat elef mija u tmienja u ghoxrin ewro (€7,128).**
**2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu lill-attrici s-somma ta’ sebat elef mija u tmienja u ghoxrin ewro (€7,128).**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti u bl-imghax kif mitlub.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------